MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 471/2002

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**Vs**

**Joe Borg u Rita Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Lulju tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ilhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u hamsa u ghoxrin lira u disgha u hamsin centezmi (LM1,825.59,0) lilha dovuti skond statement annes bhala Dok A, liema somma**

**tirraprezenta l-bilanc ta' ammont lilhom misluf mis-socjeta' attrici li taghha kienu qed jbieghu diversi prodotti skond ftehim li huma naqsu li jonoraw u ghalhekk gie xolt minhabba l-inadempjenza taghhom, prevja, jekk hemm bzonn, d-dikjarazzjoni li tali ftehim huwa xolt minhabba l-inadempjenza taghhom u li ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha l-jedd ta' rifuzjoni ta' l-istess somma;**

**2. Bl-imghax mit-23 ta' Novembru, 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut ikkonferma li hu debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont indikat fl-avviz fuq indikat u effettivament fil-fatt kien anke avvicina lill-istess socjeta' biex ikun jista' jhallas dan id-debitu ratealment;**

**Illi pero' jirrizulta li l-istess socjeta' irrifjutat tali proposta;**

**Ghaldaqstant din il-qorti in vista t' l-ammissjoni tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u in vista tal-verbal tal-konvenut datat is-16 t'Ottubru tas-sena 2002 tikkundanna biss lill-konvenut Joe Borg biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' elf tmien mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u disa' u hamsin centezmu, (LM1,825.59,0), bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**